*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix, H. Marcos Fraile, S. Van Overmeire u M.-C. Cadilhac, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, min-naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1940 tal-10 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2018, L 314, p. 47), u min-naħa l-oħra, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1931 tal-10 ta' Diċembru 2018 li jimplimenta l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2018, L 314, p. 1), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrent.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ilunga Kampete huwa kkundannat għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 139, 15.4.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Frar 2021 – Kande Mupompa vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-116/19)** ([1])

***("Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo – Iffriżar ta' fondi – Żamma ta' isem ir-rikorrent fil-listi tal-persuni kkonċernati – Obbligu ta' motivazzjoni – Dritt għal smigħ – Prova tal-fondatezza tal-inklużjoni u taż-żamma fuq il-listi – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Kontinwazzjoni taċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' liġi li wasslu għall-adozzjoni ta' miżuri restrittivi – Dritt għar-rispett tal-ħajja privata u familjari – Dritt għall-proprjetà – Preżunzjoni ta' innoċenza – Proporzjonalità – Eċċezzjoni ta' illegalità")***

(2021/C 98/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Kande Mupompa (Kinxasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, A. Guillerme u T. Payan, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix, H. Marcos Fraile, S. Van Overmeire u M.-C. Cadilhac, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, min-naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1940 tal-10 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2018, L 314, p. 47), u min-naħa l-oħra, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1931 tal-10 ta' Diċembru 2018 li jimplimenta l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2018, L 314, p. 1), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrent.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Alex Kande Mupompa huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 139, 15.4.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Frar 2021 – Amisi Kumba vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-118/19)** [1]

***("Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo – Iffriżar ta' fondi – Żamma ta' isem ir-rikorrent fil-listi tal-persuni kkonċernati – Obbligu ta' motivazzjoni – Dritt għal smigħ – Prova tal-fondatezza tal-inklużjoni u taż-żamma fuq il-listi – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Kontinwazzjoni taċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' liġi li wasslu għall-adozzjoni ta' miżuri restrittivi – Dritt għar-rispett tal-ħajja privata u familjari – Preżunzjoni ta' innoċenza – Proporzjonalità – Eċċezzjoni ta' illegalità")***

(2021/C 98/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Gabriel Amisi Kumba (Kinxasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, A. Guillerme u T. Payan, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix, H. Marcos Fraile, S. Van Overmeire u M.-C. Cadilhac, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, min-naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1940 tal-10 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2018, L 314, p. 47), u min-naħa l-oħra, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1931 tal-10 ta' Diċembru 2018 li jimplimenta l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2018, L 314, p. 1), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrent.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Gabriel Amisi Kumba huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 139, 15.4.2019.